MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 7/2015

**Francis Farrugia [I.D. 460036M]**

**Vs**

**L-Avukat Generali**

Permezz ta' rikors prezentat fl-20 ta' Jannar 2015, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi dan ir-rikors qed isir ukoll ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.09 jigifieri dan hu rikors principalment ta' natura tad-dritt fondamentali;*

*2. Illi l-esponenti kien konvenut fil-kawza GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurati taghha Nicolina Colette Garcia (ID: 323465M) u Emanuel sive Manuel Chetcuti (ID: 440869M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Nicolina Colette Garcia u Emanuel sive Manuel Chetcuti vs Farrugia Francis (ID: 460036M) u li ggib ic-citazzjoni nru 813/06 (vide kopja tas-sentenza annessa u mmarkata Dok A) li kienet essenzjalment kawza ta' danni rizultat ta' ncident awtomobilistiku;*

*3. Illi l-imsemmija kawza giet istitwita fl-4 ta' Settembru 2006, u thalliet ghal prolazzjoni tas-sentenza fil-31 ta' Ottubru 2007, u cioe madwar sena wara li nfethet;*

*4. Illi minkejja n-natura ordinarja tal-kawza, fejn la ma gewx sollevati komplessitajiet legali straordinarji idza l-imsemmija kawza giet finalment deciza fil-15 ta' Otturbu 2013 u cioe madwar sitt (6) snin wara li thalliet ghal ghotja tas-sentenza;*

*5. Illi rrizulta li l-konvenut tilef l-imsemmija kawza ghaliex instab unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' l-istess u gie ordnat ihallas l-ammont tnax-il elf, seba' mija u zewg ewro u disgha u tletin centezmu (€12,702.39c) bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tac-citazzjoni;*

*6. Illi t-traspass ta' madwar sitt snin sabiex din l-Onor Qorti tghaddi ghas-sentenza:-*
*(i) Huma eccessivi fis-sens li jmorru kontra l-principju tad-dritt ghas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*
*(ii) B'konsegwenza ta' liema dewmien, irrizultaw f'piz finanzjarju illegalment impost u li allura jivvjola d-dritt id-dritt ghad-dgawdija pacifika tal-propjeta' tal-esponenti kif garantit mill-Artikolu 1 tal-Protokol nru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara illi t-traspass ta' almenu sitt (6) snin sabiex tinghata sentenza mill-Prim'Awla fil-kawza GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurati taghha Nicolina Colette Garcia (ID: 323465M) u Emanuel sive Manuel Chetcuti (ID: 440869M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Nicolina Colette Garcia u Emanuel sive Manuel Chetcuti vs Farrugia Francis (ID: 460036M) u li ggib ic-Cit. nru 813/06 ivvjola d-dritt tal-istess esponenti ghas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit taht l-Artikolu 3 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.*

2. *Tiddikjara illi d-dewmien sabiex il-proceduri fil-Prim'Awla fl-ismijet GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurati taghha Nicolina Colette Garcia (ID: 323465M) u Emanuel sive Manuel Chetcuti (ID: 440869M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess*

*Nicolina Colette Garcia u Emanuel sive Manuel Chetcuti vs Farrugia Francis (ID: 460036M) u li ggib ic-Cit. 813/06 konsegwetament ivvjola id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-propjeta' tal-esponenti kif garantit mill-Artikolu 1 tal-Protokol nru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*3. Takkorda, fejn hu possibbli, rimedju individwali ghal kull dikjarazzjoni ta' infringement sabiex tirritorna l-esponenti fi stat anke quo tali nfringiment.*

*4. F'kwalunkwe kaz tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew minn liema minnhom, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti.*

Permezz ta' risposta prezentata fis-16 ta' Frar 2015, il-konvenut wiegeb:-

*Illi in suċċint il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li t-tul tal-proceduri civili fil-kawza fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limiteed (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta` l-assikuranti taghha Nicolina Colette Garcia (ID 323465M) u Emanuel sive Manuel Chetcuti (ID 440869M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Nicolina Colette Garcia u Emanuel sive Manuel Chetcuti vs. Francis Farrugia (ID 460036M) allegatament jiksru d-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrent ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli protetti permezz ta` l-artikolu 6 tal-Konvenzjoin Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u li dan id-dewmien wassal biex ivvjola d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` tar-rikorrent kif protett mill-Artikolu 1 tal-Protokol numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*Illi l-esponent jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti;*

*Illi l-esponenti jirrileva illi peress li l-mertu ta' dan ir-rikors jirrigwarda t-tul ta' proceduri, jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tordna l-allegazzjoni ta' l-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet GasanMamo Insurance Limiteed (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta` l-assikuranti taghha Nicolina Colette Garcia (ID 323465M) u Emanuel sive Manuel Chetcuti (ID 440869M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Nicolina Colette Garcia u Emanuel sive Manuel Chetcuti vs. Francis Farrugia (ID 460036M) (Citazz. 813/2006) deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Ottubru 2013;*

*Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq*

*fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura. Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tigi deciza u wisq inqas ma` kien hemm nuqqas mill-esponent;*

*Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta;*

*Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skond il-Ligi;*

*Illi l-esponent jirrileva li ghalkemm fir-rikors promotur ir-rikorrent qed jallega li garrab illegalment piz finanzjarju bi ksur tad-dritt tieghu ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` kif garantit mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvezjoni Ewropea, hu fl-ebda hin ma jispecifika ezattament fiex jikkonsisti dan id-dannu finanzjarju li sofra. Marbut ma` dan ghandu jinghad li ma` kien hemm l-ebda interferenza jew indhil fit-tgawdija pacifika tal-possedimenti tar-rikorrent u dan ghaliex hu gie ordnat ihallas is-somma ta` 12,702.39 euro legittimament wara decizjoni tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili;*

*Illi in vista tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' l-Artikoli imsemmija;*

Il-qorti rat l-atti tal-kawza 813/2006.

**Kwistjoni**.

Ir-rikorrent jilmenta minn ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghaliex il-kawza **GasanMamo Insurance Limited vs Francis Farrugia** (813/2006) damet sitt (6) snin tigi differita ghas-sentenza. Inoltre r-rikorrenti jsostni li dan in-nuqqas wassal ukoll ghal ksur tad-dritt garantit mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u cjoe' d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta tieghu.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Il-kawza 813/2006 kienet dwar incident tat-traffiku li sehh fil-25 ta' Frar 2005 gewwa San Pawl il-Bahar. Kawza li kienet prezentata fl-4 ta' Settembru 2006. Fl-10 ta' Ottubru 2006 il-konvenut ipprezenta twegiba guramentata. Il-provi nstemghu quddiem Assistant Gudizzjarju. B'digriet tat-3 ta' Mejju 2007 il-qorti appuntat il-kawza ghas-smiegh ghas-seduta tat-12 ta' Gunju 2007 ghat-trattazzjoni. F'dik is-seduta saret trattazzjoni u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal 31 ta' Ottubru 2007. Wara sbatax-il differiment il-kawza giet

assenjata quddiem gudikant iehor, fejn fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2013 regghet saret trattazzjoni. Fis-seduta ta' wara, 15 ta' Ottubru 2013, inghatat is-sentenza.

Ghal finijiet ta' din il-kawza l-perjodu rilevanti hu mid-data meta l-kawza giet differita ghas-sentenza (12 ta' Gunju 2007) sakemm il-kawza giet deciza (15 ta' Ottubru 2013). L-ilment tar-rikorrent jirrelata ghal dan il-perjodu.

2. Fil-kawza **Raymond Bonnici et vs Avukat Generali**, 2 ta' Marzu 2015, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat:

*"huma tliet kriterji principali indikattivi tar-ragjonevolezza ta' dan it-tul taz-zmien u dawn huma:*

- *In-natura jew il-komplessita` tal-kaz;*
- *Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza;*
- *Il-mod kif il-proceduri kriminali*[1] *gew kondotti mill-Qorti".*

3. Wara li l-qorti rat l-atti tal-kawza 813/2006 tikonferma li l-kaz ma kienx kompless. Kawza li fiha l-qorti kellha tiddetermina jekk il-konvenut kienx responsabbli ghall-incident tat-traffiku u fl-affermattiv tiddeciedi dwar id-danni li kellhom jithallsu[2]. Tant hu hekk li f'perjodu ta' ftit iktar minn sena nstemghu l-provi kollha quddiem Assistant Gudizzjarju.

Il-qorti tosserva wkoll li d-dewmien kien attribwibbli biss ghal fatt li wara li ngabru l-provi u saret it-trattazzjoni, il-kawza giet deciza iktar minn sitt snin wara. L-Avukat Generali qal: *"….. m'hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gustizzja jigu ppregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta"*[3]. Argument li hu ghal kollox barra minn postu meta tqies is-snin twal li kellhom ighaddu sakemm giet deciza l-kawza (ara sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Arsov v The Former Yugoslav Republic of Macedonia**, 19 ta' Ottubru 2006). Kawza ghandha tigi deciza fi zmien ragonevoli. Zgur li fir-rigward tal-kaz in ezami sitt snin biex tinghata sentenza ma jistax jigi deskritt bhala zmien ragonevoli.

---

[1] Fil-kaz in ezami kawza civili.

[2] L-attur talab il-hlas tas-somma ta' €12,760.1. Fattur iehor li juri kemm il-kaz ma kellux jipprezenta diffikulta'.

[3] Fol. 10.

4. L-ilment tar-rikorrent li minhabba d-dewmien sehhet lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea m'hijiex flokha. L-ilment tar-rikorrent jaqa' taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. 'Il fatt li r-rikorrent kellu jaghmel tajjeb ghall-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, m'ghandux x'jaqsam mal-Artikolu 1.

5. Ghal dak li jirrigwarda l-kumpens, il-qorti tqies kif fl-ebda stadju r-rikorrent ma lmenta dwar id-dewmien. Mill-atti hu evidenti li r-rikorrent baqa' ghal kollox passiv. Hekk per ezempju ma rrizultax li utilizza r-rimedji kontemplati fl-Artikolu 195(5)(a) u (b) tal-Kap. 12. Fatturi li minhabba fihom ser jigi likwidat kumpens konservattiv.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tiddikjara li fil-kawza GasanMamo Insurance Limited vs Francis Farrugia (813/2006) kien hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragoneveoli (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni). Tichad it-talba in kwantu tirreferi ghall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

2. **Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma ta' sitt mitt ewro (€600).**

**Spejjez a karigu tal-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------